MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Numru. 25/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Nazzareno Abela**

Kaz Numru: 25/2014

Illum 8 ta' April 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat N**azzareno Abela,** residenti 'Supreme Travel', Triq il-Kastellan, Zejtun, Malta, akkuzat talli nhar il-11 ta' Ottubru 2013 ghall-habta ta' 13:21hrs

fil-bajja tad-Dwejra, San Lawrenz, Ghawdex waqt li kien qed isuq Open Top Bus bin-numru tar-registrazzjoni COY 001:

1. naqas li jaghmel manutenzjoni regolari tat-taghmir adattat kif preskritt mill-Awtorita' ghat-tifi tan-nar u ma kienx lest biex jintuza u ma kienx jahdem tajjeb u b'mod efficcjenti, u dan bi ksur tar-regolament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

ILLI l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Regolament 61(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Nazzareno Abela hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' hamsin Euro (€ 50.00). B'applikazzjoni ta' dak li jipprovdi Regolament 107(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-Awtorità biex timponi fuq l-imputat hames punti penali li jirraprezentaw punt ghal kull ghaxar Euro (€ 10.00).

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------